ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 28/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 3 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, u permezz ta' Zoom Meeting fit-15:15hrs.

## Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

## Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27

28.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 27 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 2/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Ħlasijiet dwar Kuntratti jew Xogħol Urġenti.

28.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 3/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward L-Onorarju tas-Sindki u s-Sigurtà Soċjali.

28.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/5/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward it-Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme* (CIES).

28.3.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li meta l-Kunsill applika għal din l-iskema biex jiġi ingaġġat *Receptionist*, kienet diffiċli ħafna li tinstab persuna li tilħaq ir-rekwiżiti mitluba u għaldaqstant l-applikazzjoni kellha taqa'.

28.3.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din id-darba l-Kunsill ma japplikax għal din l-iskema.

28.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/4/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka u Tagħlim Tul il-Ħajja.

28.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li din is-sena l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ma japplikax għal dawn il-korsijiet minħabba li meta saret l-applikazzjoni l-Kunsill ma ġiex inkluż.

28.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġie infurmat li t-talba għall-Fond ta' Aġġustament għas-sena 2021, liema talba tammonta għal €3000, kienet ġiet milqugħa.

28.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Uffiċċju Elettorali kien laqgħa ż-żewġ proposti tal-Kunsill dwar ismijiet ġodda tat-toroq. Iż-żewġ proposti aċċettati kienu Triq in-Niċċa tal-Madonna u Trejqet il-Ħajt tal-Matla. Dan wara li l-Uffiċċju Elettorali kien talab lill-Kunsill biex isib żewġ ismijiet ġodda minħabba li qed isir reġistru tal-indirizzi fl-irħula kollha ta' Malta. Il-Kunsill qed jistenna li dawn l-ismijiet ikunu ppublikati uffiċjalment fil-Gazzetta tal-Gvern biex ikun jista' jagħmel l-ordni għat-tabelli.

28.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Inizjattiva tal-WIFI4EU. Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment ser ikun qed joħroġ sejħa oħra għall-offerti għall-proġett kollu skont ir-rekwiżiti tal-UE u timplimenta dan il-proġett fejn jiġi offrut servizz tal-WIFI b'xejn lill-pubbliku.

28.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand is-Supretendent tal-Pulizija rigward permessi tal-kostruzzjoni maħruġa mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li mill-1 ta' Ġunju, l-Kunsill qed jibgħat il-lista ta' permessi maħruġa mill-Kunsill kull jum biex il-pulizija tkun taf eżatt x'permessi inħarġu u tieħu azzjoni jekk ikun hemm il-bżonn.

28.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex din il-lista tibda tintbagħat ukoll lill-uffiċjali tal-LESA.

28.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Kontroll tal-Ħamiem Selvaġġ fil-Lokalitajiet. Is-Sindku qal li l-lokalitajiet li għandhom din il-problema għandhom jagħmlu Bye-Law f'dan ir-rigward u l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tibgħat il-kuntrattur biex jagħlef lil dan il-ħamiem b'għalf li jipprevjeni r-riproduzzjoni tal-ħamiem.

28.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-FSWS/ACTS Kirkop Centre (LEAP!) rigward xogħol ta' manutenzjoni fil-binja minn fejn joperaw.

28.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qalu li sakemm huma jżommu mal-klawsoli tal-kuntratt li huwa ffirmat bejn il-partijiet kollha, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir il-manutenzjoni minn naħa tagħhom.

28.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand student li talab biex ipoġġi *sensor* fuq il-bejt tal-Kunsill biex ikejjel il-kwalità tal-arja bħala parti minn proġett tal-iskola.

28.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qalu li ma jsibux oġġezzjoni sakemm huwa proġett tal-iskola.

28.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni dwar Proġetti fil-Komunitajiet maħruġa minn LESA ma kinetx saret, għall-fatt li ma kienux iltaqgħu bejnithom biex jaraw fuq xhiex kellha ssir l-applikazzjoni.

28.3.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-applikazzjoni kienet għalqet u fl-applikazzjoni hemm imniżżla li l-applikazzjonijiet għandhom jaslu sad-data stabbilita.

28.3.12.2 Is-Sindku ser ikun qed jiċċekkja jekk jistax jingħata estenzjoni għal din l-applikazzjoni.

28.3.12.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hemm bżonn li x-xogħol li jkollhom jagħmlu l-Kunsilliera kif ikun miftihem waqt il-laqgħa jsir u mhux jibqa' pendenti għal-laqgħa oħra. Kull min jieħu *task* għandu jara li sal-laqgħa ta' wara għandu jkun ħadem fuqha.

28.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward il-laqgħa li kellha ssir mar-rappreżentanti tas-*servizz.gov* dwar il-proposta għal Ċentru Reġjonali tal-Aġenzija *servizz.gov* f'Ħal Kirkop.

28.3.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-laqgħa li għaddiet kienu qablu dwar din il-laqgħa iżda sa issa għad ma kellhiex l-*availabilities* biex tkun tista' tinforma lir-rappreżentanti tas-*servizz.gov*.

28.3.13.2 Il-Kunsilliera qablu li s-Sindku jiltaqa' mar-rappreżentanti tas-*servizz.gov* u jinfurmahom dwar dak li ddeċieda l-Kunsill. Wara jinforma lill-Kunsilliera b'dak diskuss.

28.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed isib ħafna intoppi fir-rigward tar-Restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu. Dan għall-fatt li l-Kunsill għandu bżonn permess ta' sid l-Arkata biex ikun jista' jsir ir-restawr meħtieġ.

28.3.14.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-Kurja dwar it-titlu ta' din l-art, iżda rriżulta li din la hija tal-Gvern u lanqas tal-Knisja.

28.3.14.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu tkellem ukoll mal-Fondazzjoni Wirt Artna minħabba li din l-Arkata kienet ġiet restawrata lura fl-2005, iżda dawn minn naħa tagħhom qalulna li ma kienux ħadu sehem f'dan ir-restawr u lanqas ma kellhom informazzjoni dwarha.

28.3.14.3 Is-Sindku Terence Agius qal li hu tkellem ma' diversi persuni biex jara din l-art ta' min hi. Hu kompla jgħid li ser imur jiċċekkja mal-Land Registry biex jara jekk din l-art hux tal-Gvern. Is-Sindku qal li ser ikun qed iżomm lill-Kunsilliera infurmati bl-eżitu ta' dan biex jaraw x'ser ikun il-pass li jmiss.

28.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar is-sitwazzjoni fix-xogħol li għaddej fi Triq San Pietru k/m Triq Valletta k/m Triq ir-Ramlija.

28.3.15.1 Is-Sindku qal li t-triq qed issir direttament minn Infrastructure Malta u mill-aħħar informazzjoni li għandu x-xogħol qed ikompli għaddej u t-*targets* mogħtija huma Lulju u Awwissu 2021.

28.3.15.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li mhux sew li residenti jingħataw l-informazzjoni u s-Sindku jibqa' ma jirċeviex komunikazzjoni dwar meta x-xogħol ser jitlesta.

28.3.15.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li mhux sewwa li d-daħla tar-raħal ilha maqlugħa xhur sħaħ. Il-Kunsill jiddeplora dan id-dewmien.

28.3.15.4 Is-Sindku Terence Agius qal li bħala Kunsill għandna nitolbu lill-Infrastracture Malta biex jagħtuna data meta x-xogħol kollu ser ikun lest. Ma jistax ikun li r-residenti jibqgħu jistennew tliet xhur oħra.

28.3.15.5 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jibgħat *email* lill-Infrastracture Malta biex il-Kunsill jingħata pjan strateġiku ta' kif ser isir ix-xogħol u data ta' meta dan ser jitlesta.

28.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar l-iStudents' Summer Work Opportunities 2021 u qal li għalkemm id-data tal-iskadenza għalqet il-Kunsill seta' jitfa' l-interess tiegħu.

28.3.16.1 Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill ser jingħata student biex jaħdem fis-sajf, dan ser ikun għal sitt ġimgħat biss u l-Kunsill ser ikollu jħallas għalih inkluż *leave*, *sick leave*, bonus u *national insurance*.

28.3.16.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għal din is-sena ma ssirx applikazzjoni għal din l-iskema.

28.3.17 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni għal xogħol urġenti fil-provvistà tal-elettriku fl-uffiċini tal-Kunsill.

28.3.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu unanimament li dan ix-xogħol jiġi ordnat immedjatament biex jiġi evitat kull periklu.

28.3.18 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet dwar l-iskema *LC Care Project* rigward servizz ta' VET u mediċina għall-qtates *stray*.

28.3.18.1 Is-Sindku spjega l-istimi riċevuti u qal li klinika waħda biss kienet tibqa' miftuħa 24 siegħa. Is-Sindku qal li dawn il-*feeders* diġa qegħdin jgħinu ħafna billi jieħdu ħsieb dawn il-qtates u għaldaqstant għandna ngħinuhom billi jkunu jistgħu imorru fi klinika mingħajr ma jkollhom joqgħodu jieħdu l-*leave*. Għal dan il-għan kien hemm qbil li l-Kunsill imur għall-offerta tal-klinika li tkun miftuħa 24 siegħa kuljum, 7 t'ijiem fil-ġimgħa.

28.3.18.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tingħażel il-kwotazzjoni tal-klinika tal-VET li tiftaħ 24/7, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

28.3.19 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni għal *notice board* biex titwaħħal ħdejn il-bieb tal-librerija biex il-librara tkun tista' tpoġġi l-informazzjoni fiha.

28.3.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu li din tiġi ordnata.

28.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand student tal-Mcast biex jagħmel 12-il siegħa xogħol voluntier mal-Kunsill.

28.3.20.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li nistaqsuh x'kors qed jagħmel u naraw kif nistgħu ngħinuh.

28.3.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni dwar Skema *'BM-150 – Embellishment of Urban Squares'* minn Ambjent Malta.

28.3.21.1 Il-Sindku qal li ser ikun qed jitkellem ma' Ambjent Malta dwar din l-iskema.

28.3.21.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u kien hemm qbil li jekk il-Kunsill jista' japplika issir applikazzjoni biex isir *upgrade* tas-*soft area* fi Triq ir-Ramlija.

28.3.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar *Group Life Policy* għall-membri eletti fil-Kunsill.

28.3.22.1 Din il-*Life Policy* ser tkun qed tkopri lill-Kunsilliera kollha li l-eta' tagħhom hija sa 65 sena u l-ħlas huwa ta' €65 għal kull persuna.

28.3.22.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jħallas għal din il-polza għal erba' Kunsilliera li jaqgħu taħt il-kriterji ta' din il-polza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

28.3.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar *Reverse Vending Machines* – Reazzjonijiet u Proposti mill-Kunsilli Reġjonali/Lokali.

28.3.23.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jekk il-Kunsill jiġi offrut din il-magna, il-Kunsill lest li jaċċettaha.

28.3.24 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mir-Reġjun Nofsinhar dwar il-Premju Qasam Soċjali Reġjun Nofsinhar 2020. Dan il-premju ser jagħti rikonoxximent lil dik il-persuna li tkun ħadmet b'mod volontarju fil-qasam soċjali matul is-sena 2020. Proposti jintlaqgħu sal-4 ta' Ġunju, 2021.

28.3.24.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għal din is-sena ma jarawx li hemm persuni li jistgħu jiġu nominati għal dan il-premju.

28.3.25 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward binjiet mixgħula ħomor fil-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm li jiġi ċċelebrat fl-14 ta' Ġunju, 2021.

28.3.25.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ġie deċiż li l-faċċata tal-Kunsill tinxtegħel ħamra għal din l-okkażżjoni.

28.3.26 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-ERA rigward ir-regolamenti dwar iskart riċiklat, liema regolamenti kienu ġew emendati. Dawn jistipulaw li l-Kunsilli għandhom jallokaw spazju għall-provvediment ta' *recycling points* għal kull elfejn (2000) abitant f'kull lokalità speċifika.

28.3.26.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u kkonkludew li Ħal Kirkop qiegħed tajjeb għax għandu *recycling point* waħda għal 2300 abitant.

28.3.27 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand Elit'Avia Malta Ltd. biex iwaħħlu *directional sign* ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq l-Industrija.

28.3.27.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li jsiru tabelli biex jeħlu t-tabelli kollha li hemm fuq il-post bħalissa u noħorġu sejħa biex naraw jekk hemmx aktar min hu interessat.

28.3.27.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib stima għal din it-tabella u jinġieb il-permess mingħand Transport Malta.

28.3.27.3 Fil-frattemp, Elit'Avia Malta Ltd. ser tiġi infurmata li tista' twaħħal tabella temporanja sakemm isiru tal-Kunsill, jiġifieri din ser tinqala' meta ser jeħlu tal-Kunsill.

28.3.28 Il-Kunsillier Cody Galea ħareġ mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-ħin f'dan l-istadju huwa s-18:00hrs.

28.3.29 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward l-estensjoni tal-Community Work Scheme (CWS) permezz tal-Kunsilli Reġjonali.

28.3.29.1 Il-Kunsill ġie mitlub jgħid jekk hux interessat li jżid ħaddiema miegħu permezz tal-Community Work Scheme biex jgħinu fix-xogħol ta' tindif jew manutenzjoni fil-lokalità.

28.3.29.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jintalbu żewġ persuni.

28.3.29.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema kienet magħluqa iżda xorta waħda kienet se titkellem mar-Reġjun biex tara jekk jistgħux jaċċettaw l-applikazzjoni tagħna.

28.3.30 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:10hrs.

28.3.31 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Housing Authority rigward Skema 2 – Manutenzjoni tal-Komun fil-binjiet tal-Gvern, fejn il-Kunsill ġie infurmat liema blokok kien fadal fil-lokalità ta' Ħal Kirkop li jistgħu jibbenifikaw minn din l-iskema.

28.3.31.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbgħat ittra lir-residenti kollha ta' dawn it-tlett blokok biex jiddeċiedu dwar amministratur biex ikunu jistgħu jibbenifikaw minn din l-iskema.

28.3.32 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Transport Malta rigward mistoqsija parlamentari dwar proposta biex Triq l-Imdina ('il parti minn Triq Danny Cremona sa Triq Valletta, Żurrieq) issir *one way*.

28.3.32.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qalu li fil-Kunsill qatt ma daħal dan is-suġġeriment jew ilmenti dwar din il-parti tat-triq u l-Kunsill ma jħossx li din it-triq għandha ssir *one way*.

28.3.33 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru.

28.3.34 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-EU & International Affairs Unit dwar sejħiet għall-Proġetti taħt il-programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – European Rememberance / Town Twinning / Networks of Towns. Dawn is-sejħiet mistennija jiftħu f'Mejju 2021.

28.3.35 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Comité de Jumelage Rousset rigward is-sitwazzjoni minħabba l-Covid-19. Minn naħa tagħhom ser ikunu qed iżommuna nfurmati meta s-sitwazzjoni terġa' tiġi ftit għan-normal, biex inkunu nistgħu naraw kif nistgħu naħdmu flimkien.

28.3.35.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li għandna nibgħatu *email* lill-membri tas-Sotto Kumitat fejn ninfurmawhom li għalissa mhux qed isiru laqgħat għax anke minn naħa ta' Rousset għandhom kollox wieqaf.

28.3.36 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand iċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva fejn infurmawna li rappreżentanti tal-Kunsill li jixtiequ jżuru d-Day Centre għandu jkollhom il-permess mingħand dawk li jmexxu ċ-Ċentru u l-istess Ċentru għandu jkun infurmat min hija l-persuna responsabbli mill-anzjani.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

28.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li importanti li jsir pjan għall-ġardinar u l-ħaddiema biex ix-xogħol fuq is-*soft areas* u l-i*street furniture* jinżamm dejjem tajjeb.

28.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier John Luke Cassar biex jitkellmu bejniethom biex isir pjan sħiħ dwar dan ix-xogħol biex ikun jista' jiġi diskuss mal-ġardinar.

28.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar irringrazzja lil kulħadd għas-sobgħa li l-Kunsill, il-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema urew għat-telfa taz-ziju tiegħu.

28.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-problema ta' *parking* fl-*area* ta' Kirkop 2 waqt il-ħin tal-iskola. Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li tintbgħat *email* lill-Prinċipal tal-Kulleġġ biex issir ċirkulari lill-għalliema biex dawn jipparkjaw fil-parking tal-iskola u mhux fit-triq għax ir-residenti qed ikollhom problema biex jipparkjaw. Nitolbu wkoll li ssir iż-żebgħa fil-parkeġġ biex jiġi utilizzat il-massimu tal-ispazju.

28.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa jekk f'Ħal Kirkop hawnx post fejn nistgħu inpoġġu kuruna tal-fjuri f'Jum Ħal Kirkop. Hu qal li tajjeb jekk dan il-Jum jingħata aktar importanza u f'dan il-Jum jingħata wkoll Ġieħ Ħal Kirkop.

28.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-ideja u qablu mal-Kunsillier Cassar. Qablu li jekk is-sitwazzjoni tal-pandemija tkun tajba fil-bidu tas-sena dieħla ser ikun qed isir pjan ta' attività biex tikkomemora dan il-jum.

28.4.5 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

28.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar ħareġ mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-ħin f'dan l-istadju huwa s-19:15hrs.

## 28.5 Rapport tal-Ilmenti

28.5.1 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li kellha ilment mingħand resident biex il-*pitch* tal-Bocci jsir parkeġġ. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu biss dritt ta' użu tal-*pitch* tal-Bocci u għaldaqstant dan ma jistax isir.

28.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva lment mingħand residenta fi Triq Danny Cremona li talbet biex jitneħħa bank li hemm fl-istess triq.

28.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba, liema talba ma ġietx milqugħa għall-fatt li dan il-bank mhux qiegħed ta' inkonvenjent għal ħadd, infatti jinsab fuq in-naħa l-oħra tat-triq, 'il parti fejn ma hemmx djar.

28.5.3 Is-Sindku qal li l-bqija tal-ilmenti ser jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba li kien sar il-ħin.

28.5.4 F'dan il-ħin is-Sindku talab biex il-bqija tal-items fuq l-aġenda jgħaddu għal-laqgħa li jmiss filwaqt li *item* 28.15 jiġi diskuss qabel tmiem il-laqgħa minħabba l-urġenza tal-pagamenti.

28.5.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-bqija tal-items fuq l-aġenda jgħaddu għal-laqgħa li jmiss filwaqt li *item* 28.15 jiġi diskuss qabel tmiem il-laqgħa minħabba l-urġenza tal-pagamenti, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

## 28.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

28.15.1 Il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 113 u Skeda Nru. 114 kif annessi, ġew imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

28.15.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 113 u Skeda Nru. 114 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 28.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.16.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

28.16.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju, 2021 fl-16:00hrs.

28.16.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:40hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 14 ta' Ġunju, 2021

**Mozzjoni Ref:** 154/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 27.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 3 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 155/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tingħażel il-kwotazzjoni tal-klinika tal-VET li tiftaħ 24/7.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 3 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 156/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 3 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 157/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bqija tal-*items* fuq l-aġenda jgħaddu għal-laqgħa li jmiss filwaqt li *item* 28.15 jiġi diskuss qabel tmiem il-laqgħa minħabba l-urġenza tal-pagamenti.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 3 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 158/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-listi ta' pagamenti Skeda Nru. 113 u Skeda Nru. 114.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 3 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**